MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 37/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“ Illi l-konvenuti jikru minghand l-atturi l-appartament numru tlieta (3), “Rima Court”, Triq in-Nahla, Marsalforn u ghandhom jaghtuhom is-somma ta’ seba’ mitt lira (Lm700) ghall-iskadenza ta’ kera li bdiet fl-1 ta’ Settembru 2003 u elf lira (Lm1,000) ghall-iskadenza ta’ kera li bdiet fl-1 ta’ Settembru 2004.

Minkejja li gew debitament interpellati, il-konvenuti baqghu inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza in kwistjoni sad-data tal-hlas finali.”

Ra l-kapitoliipprezentati mill-atturi fis-seduta tas-17 ta’ Gunju 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikata regolarment konvenut naqast u ma deheritx la fis-seduta msemmija li fiha gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tal-llum, minghajr ma giebet ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu fis-seduta tal-llum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill- atturi s-somma ta’ Lm1,700 ammont dovut ghall-kiri ta’ appartament kif specifikat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-datat tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------